**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 17 ta' Jannar 2023**

**<u>Rikors nru : 86/2022 AGV fl-ismijiet;</u>**

**DC**

**vs**

**JG**

**CM**

**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-Rikors guramentat ta' DC datat 25 ta' April 2022;**

**Tesponi bir-rispett u bil-gurament tikkonferma:**

1. Illi hija twieldet fis-sbatax ta' Lulju tas-sena elf disgha mija u disgha u sebghin (17.7.1979) kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid hawn anness u markat Dok A u li ghalhekk ir-rikorrenti hija maggorenni .

2. Illi gara li omm ir-rikorrenti CM kienet f'relazzjoni mal-intimat J G meta kienet ghadha mizzewga lil MC u meta twieldet ir-rikorrenti ommha C M gia C kienet ghadha mizzewga lil MC u ghalhekk isem il-missier tar-rikorrenti kellu bilfors jitnizzel bhala MC u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid Dok A.

3. Illi meta r-rikorrenti kellha sbatax-il (17) sena l-konvenut JG kien qallha li huwa l-missier naturali taghha u dan sar permezz ta' telefonata u meta sar dan omm ir-rikorrenti kienet hdejha;

4. Illi gara li meta r-rikorrenti saret taf b'dan ommha kkonfermat li l-missier naturali taghha huwa JG.

5. Illi xi erba' jew hames snin ilu r-ragel li kellha omm ir-rikorrenti cioe MC kien ghamel kawza sabiex ir-rikorrenti ma tibqax aktar imnizzla fic-certifikat tat-twelid taghha bhala li huwa l-missier naturali taghha u kien hemm li kkonfermat li huwa minnu li missierha ma kienx MC. Dan jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti anness Dok A.

6. Illi r-rikorrenti, meta rat lil J G xi erba snin ilu hija qaltlu biex isir it-test tad-DNA izda J G baqa jirrifjuta.

7. Illi l-konvenut JG huwa guvni u qatt ma zzewweg.

8. Illi r-rikorrenti interpellat lil konvenut JG permezz ta' ittra ufficjali tat-28 ta' Ottubru 2021 annessa Dok B izda l-konvenut JG baqa inadempjenti.

9. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob li dina l-Onorabbli Qorti ghar- ragunijiet haw fuq premessi joghgobha:

A. Tiddeciedi u tiddikjara li r-rikorrenti DC hija l-bint naturali tal-konvenut JG billi jekk ikun il-kaz tinnomina espert mediku sabiex isiru t-testifjiet genetici appoziti sabiex tigi stabbilita definittivament il-paternita tar-rikorrenti;

B. Tordna lid-direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti att tal-iskrizzjoni 3401 tas-sena 1979 jaghmel is-sostituzzjonijiet mehtiega billi fejn fl-Att hemm referenza ghall-konnotati ta' missier ir-rikorrenti jigu sostitwiti bil-konnotati ta' J G bil-konnotati tieghu li jigu mghoddija fil-mori ta' din il-kawza u dan minbarra kull taghrif iehor mehtieg mill-intimat l-iehor id-Dipartiment tar-Registru Pubbliku.

C. Tordna lill-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku halli wara li jsiru l-emendi kollha mehtiega ai termini tat-talba precedenti u johrog att ta' twelid iehor hekk kif korrett.

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut JG u/ l-konvenuti jew /minn minnhom li huma ingunti in subizzjoni.**

**Rat ir-Risposta Ġuramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, datata 13 ta' Gunju 2022;**

*Jesponi bir-rispett u l-Avukat Neil Harrison għan-nom u in rappreżentanza tal-istess Direttur, bil-ġurament tiegħu jiddikjara u jikkonferma dan li ġej:*

1. Illi preliminarjament, l-esponent jeċċepixxi illi l-attriċi ma ddikjaratx fuq liema artikolu tal-liġi qiegħda ssejjes din l-azzjoni. Għaldaqstant, l-esponent huwa tal-umli fehma illi l-attriċi għandha tagħmel dan, filwaqt li l-istess esponent bil-permess ġentili ta' din l-Onorabbli Qorti jirriżerva d-dritt li jissolleva eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ;

2. Illi bla preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, l-esponent jistqarr li m'huwiex edott mill-fatti li ġew indikati fir-rikors ġuramentat;

3. Illi fiċ-ċirkostanzi jeħtieġ illi l-attriċi tipprova u tissodisfa waħda mir-rekwiżiti li jelenka l-Artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili, u għalhekk ikun xieraq illi din l-Onorabbli Qorti tistieden lill-partijiet konċernati sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet xjentifiċi opportuni;

4. Illi f'każ li jiġi determinat li r-rikorrenti hija l-wild naturali tal-konvenut JG, l-esponent jirrileva illi għandu jiġi deċiż b'mod definittiv liema kunjom għandha tassumi r-rikorrenti;

5. Illi bla ħsara għas-suespost, f'każ li jintlaqgħu it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jistieden lill-intimat JG sabiex jippreżenta nota li

tispeċifika d-dettalji personali tiegħu, senjatament: (1) In-numru tal-karta tal-identita` tiegħu; (2) Ismu u kunjomu; (3) Il-professjoni, sengħa jew stat ieħor meta twieldet ir-rikorrenti D ; (4) L-eta` tiegħu meta twieldet ir-rikorrenti D; (5) Il-post tat-twelid tiegħu; (6) Il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet ir-rikorrenti (7) Isem u kunjom missieru; u (8) Jekk missieru kienx għadu ħaj meta twieldet ir-rikorrenti; u dan stante illi tali informazzjoni hija meħtieġa sabiex tiġi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti nnumerat 3401/1979;

6. Illi fir-rigward tat-tielet talba attriċi, l-esponent ikun jista' joħroġ Att tat-Twelid illi jirrifletti l-korrezzjonijiet li jistgħu ikunu ordnati minn din l-Onorabbli Qorti kemm-il darba jitħallsu d-drittijiet ai termini tal-Ewwel Skeda tal-Kodiċi Ċivili;

7. Illi finalment, u mingħajr preġudizzju għas-surreferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas tal-esponent u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

**Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.**

**Rat ir-Risposta Guramentata ta' JG datata 31 ta' Mejju 2022;**

**Jesponi bir-rispett u bil-gurament jikkonferma:**

1. Illi J G twieled il-Mosta, nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija tmienja u erbghin (1948) kif jirrizulta mill-kopja awtentifikata

tal-Karta tal-Identita' numru 325648M, annessa u mmarkata Dok A.

2. Illi JG huwa guvni, u qatt ma zzewweg,

3. Illi JG qara r-Rikors Guramentat ta' D C.

4. Illi ghalkemm CM (li. skont c-certifikat tat-twelid mehmuz mar-Rikors Guramentat ta' D C , hija l-omm naturali ta' DC ), kienet ghal xi zmien f'relazzjoni ma' JG , mhux maghruf jekk fl-istess zmien kienx hemm relazzjonijiet ohra minn persuni ohrajn ma' l-imsemmija CM .

5. Illi l-konvenut JG jifhem li r-rikorrenti DC , trid tkun taf b'certezza min hu il-missier naturali taghha.

Ghaldaqstant il-konvenut JG , ghar-ragunijiet espressi iktar 'il fuq, qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

A. Tinnomina espert mediku sabiex isiru t-testijiet genetici appoziti sabiex tigi stabbilita definittivament il-parternita' tar-rikorrenti DC u allura tiddeciedi u tiddikjara jekk DC hijiex jew le l-bint naturali tal-konvenut JG.

B. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, jekk ikun il-bzonn li jista johrog mid-decizjoni u d-dikjarazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, jaghmel dawk is-sostituzzjonijiet u l-emendi mehtiega biex ikun jista jinhareg Att ta' Twelid korrett.

**Bl-ispejjes kontra r-rikorrenti.**

**Rat in-nota guramentata ta' CM ,** datata 27 ta' Mejju, 2022, fejn iddikjarat illi qed taqbel mal-premessi u mat-talbiet tar-rikorrenti bintha fir-rikors guramentat, u li inoltre m'ghandhiex tbati spejjez stante li kien l-intimat JG stess li dejjem irrifjuta li jirrikonoxxi lir-rikorrenti bhala bintu.

Rat id-dokumenti esebiti,
Semghet il-provi.
Rat l-atti kollha tal-kawza.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi din il-kawza tittratta talba biex jigi rikonnoxxut il-missier biologiku tal-attrici, DC. Fir-rikors guramentat taghha, l-attrici tghid li hi twieldet fl-1979 miz-zwieg bejn ommha, CM u MC , li fic-certifikat tat-twelid taghha gie indikat bhala missierha. L-attrici tghid, izda, li f'dak iz-zmien ommha kellha relazzjoni mal-konvenut l-iehor, certu JG , u ghalhekk qed titlob li jsiru testijiet tad-DNA ma' G biex hi tkun taf il-verita'. Tghid ukoll li dan saret tafu meta kellha 17-il sena, u M C kien fil-frattemp istitwixxa proceduri biex ma jibqax indikat bhala missier l-attrici. Fl-ahhar lok, l-attrici tghid li JG, ghalkemm rinfaccat b'dan kollu, baqa' jinnega u jirrifjuta li jaghmel testijiet ghall-paternita' taghha. Ghalhekk kellha tibda dawn il-proceduri kontra ommha u kontra JG .

Fir-risposta taghha, l-omm taqbel ma dak kollu espost minn bintha. G , min-naha tieghu, jammetti li kien ghamel zmien jiffrekwenta lil CM izda ma kienx cert jekk l-attrici hix bintu jew le. Ghalhekk, ghalkemm jifhem li DG trid tkun certa minn dawn il-fatti, hu jghid li l-ahjar mod huwa li jsiru testijiet xjentifici u

jiddeterminaw b'certezza dan il-fatt.

Id-Direttur Registru Pubbliku wiegeb bhal ma jaghmel is-soltu f'kawzi bhal dawn, fejn jghid li hu ghal kollox estraneju ghall-fatti, u jaqbel li ghandhom jsiru t-testijiet genetici biex jiddeterminaw il-fatti, izda m'ghandux ibati spejjez.

Illi mill-provi prodotti, jirrisulta li l-konvenuta C M , omm l-attrici, kellha relazzjoni mal-konvenut JG waqt li kienet ghadha fiz-zwieg ma' MC . Dan irrisulta mit-testijiet tad-DNA esebiti fl-atti, permezz ta' affidavit tal-espert mahtura mill-Qorti, Dr Marisa Cassar. Dan ir-risultat ma jhalli ebda dubju li l-konvenut G mhuwiex il-missier biologiku tal-attrici. Inoltre, kemm l-attrici kif ukoll ommha, il-konvenuta CM esebew affidavit taghhom stess, li ma giex kontradett minn provi ohra. F'dawn l-affidavits, hemm ammissjoni da parti ta' M li kellha relazzjoni ma' JG meta kienet ghadha mizzewga lil MC, u li bintha D, hija l-wild ta' G u mhux ta' zewgha.

Illi ghalhekk, kemm il-fatti kif esposti mill-partijiet, kif ukoll il-provi xjentifici juru minghajr ebda dubju li r-rikors guramentat tal-attrici huwa ippruvat. Ghalhekk, it-talbiet taghha ghandhom jintlaqghu.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;
Tilqa' t-talbiet attrici.

> Tiddeciedi u tiddikjara li r-rikorrenti DC hija l-bint naturali tal-konvenut JG.

Tordna lid-direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti att tal-iskrizzjoni 3401 tas-sena 1979 jaghmel is-sostituzzjonijiet mehtiega billi fejn fl-Att hemm referenza ghall-konnotati ta' missier ir-rikorrenti jigu sostitwiti bil-konnotati ta' J G bil-konnotati tieghu li ghandhom jigu mghoddija sa mhux aktar tard minn xahar wara d-data ta' din is-sentenza, u dan minbarra kull taghrif iehor mehtieg mill-intimat l-iehor id-Dipartiment tar-Registru Pubbliku.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati f'sehem indaqs bejn il-konvenuti G u M.

**Imhallef**
**Onor. Anthony Vella**

**Cettina Gauci- Dep Reg**